**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 212/2016**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Miguel De Giorgio**

**Illum 19 ta' Mejju 2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Miguel De Giorgio detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 18859(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli mid-9 ta' Novembru, 2015 sal-11 ta' Jannar, 2016 fil-Gżejjer Maltin:

1. Naqas milli jagħti lil Diana De Giorgio, is-somma ta' ħamest elef ewro ffissata min dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal uliedu fi zmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha titħallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-18 ta' April, 2016, fejn wara li rat l-Artikoli 338(z) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tal-akkużi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu għal xahrejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Miguel De Giorgio, ppreżentat fit-28 ta' April, 2016, fejn talab lil din l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-esponent

minn kull ħtija u piena, jew tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn il-Qorti sabitu ħati u tirrevokaha fejn ikkundanatu piena ta' priġunerija ta' xahrejn u minflok tagħtih piena inferjuri, iktar ekwa u ġusta tenut kont taċ-ċirkostanzi.

Rat illi l-aggravji imqanqla mill-appellant Miguel De Giorgio.

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti datata s-26 ta' Jannar 2017 li permezz tagħha ġie prefiss terminu ta' ġimgħatejn sabiex l-appellant jivventila il-lanjanza formanti l-aggravju ewlieni ta' dan l-appell quddiem il-Qorti kompetenti u ċioe' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali).

Rat illi wara li l-appellant ivventila din il-lanjanza kif ordnat, permezz ta' sentenza datata s-6 ta' Ottubru 2020, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Miguel Degiorgio vs l-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat u Diane Degiorgio**, ċaħdet l-appell imressaq mill-appellant Miguel De Giorgio mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija nhar it-30 ta' Ottubru 2019, fejn konsegwentement ġie deċiż illi l-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali, kif reż applikabbli fil-konfront tal-appellant, ma kienx jikkostitwixxi leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-appellant kif ikkontemplati fl-artikolu 1 tal-Protokoll numru 4 tal-Konvenzjoni, l-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżibita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-appellant iressaq essenzjalment erba' lanjanzi diretti lejn is-sentenza appellata, bl-ewwel waħda tkun dik illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli iġġib l-aħjar prova konsistenti fid-digriet li abbazi tiegħu hija imsejsa l-akkuża, fit-tieni lok iqanqal lanjanza ta' natura kostituzzjonali, liema ilment ġie determinat permezz tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-06 ta' Ottubru 2020, imbagħad jissolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tar-reat u finalment jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda eċċessiva.

Illi fl-ewwel aggravju minnu intentat l-appellant jilmenta illi l-prosekuzzjoni naqqset milli tressaq l-aħjar prova konsistenti fid-digriet maħrug mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li abbazi tiegħu inħarrget l-akkuża kontra tiegħu. Dan id-digriet iġib id-data tad-09 ta' Novembru 2015. Illi l-Qorti tqies din il-lanjanza bħala waħda frivola u dan għaliex id-digriet, imsemmi flimkien mar-rikors promotur, jinsab eżebit fl-atti a fols.9 sa 14 tal-proċess. Fir-rikors tagħha imressaq quddiem il-Qorti tal-Familja il-kwerelanti kienet qed tilmenta illi l-appellant kien naqas li jħallas il-miżati ta'l-iskola ammontanti għal ħamest elef ewro. It-talba tagħha kienet taqra:

> **"Għaldaqstant ..... titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna lill-attur Miguel De Giorgio iħallas lil Diana De Giorgio is-somma ta' ħamest elef (€5000) Ewro in linea ta' manteniment sabiex jitħallsu l-miżati sa issa dovuti lil San Anton School u dan mingħajr ħsara għall-obbligi ulterjuri tal-attur ġejjien minn digrieti oħra tal-Qorti.:**

Illi imbagħad permezz ta' digriet datat 09 ta' Novembru 2015 il-Qorti iddeċidiet hekk:

> **"Għaldaqstant tiċħad ir-rikors tal-attur tal-05 ta' Awwissu 2015 u tilqa' r-rikors tal-konvenuta tal-25 ta' Awwissu 2015."**

Dan kellu jfisser allura illi fid-data tad-09 ta' Novembru 2015, l-appellant ġie ordnat iħallas lil kwerelanti is-somma ta' €5000 *in linea* ta' manteniment. Dan l-ammont kellu jithallas skont dak dispost fl-artikolu 338(z) fi żmien ħmistax-il jum minn din l-ordni.

L-appellant baqa' inadempjenti fil-ħlas imsemmi u kwindi wara dan ħarġet l-akkuża odjerna fil-konfront tiegħu.

Illi dan allura jfisser illi mhux biss l-ewwel aggravju ma jistħoqqlux akkoljiment iżda lanqas it-tieni aggravju marbut mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u dan ghaliex l-azzjoni kriminali għal kontravvenzjoni imfassla fl-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali taqa' bid-dekors ta' sitt xhur u kwindi billi l-appellant kellu jitqies illi ġie notifikat fil-15 ta' Marzu 2016 u deher il-Qorti sabiex iwieġeb għal din l-akkuża fit-18 ta' April 2016, huwa evidenti illi t-terminu ta' preskrizzjoni ta' sitt xhur ma laħaqx iddekorra biex b'hekk l-azzjoni kriminali ma hijiex perenta.

Illi allura kemm l-ewwel kif ukoll it-tielet aggravji qed jiġu miċħuda, kif l-istess qed jiġi miċħud it-tieni aggravju imqanqal mill-appellant billi l-mertu ta' din il-lanjanza ġie determinat permezz tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali tas-6 ta' Ottubru 2020, fl-ismijiet **Miguel Degiorgio vs l-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat u Diane Degiorgio.**

**Ikkunsidrat:**

Illi konsegwentement jifdal biss l-aħħar gravam sottopost mill-appellant għal ġudizzju tal-Qorti marbut mal-piena erogata ta' xahrejn detenzjoni li fil-fehma tiegħu hija eċċessiva. Issa huwa indubitat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-liġi u dan kif hemm maħsub fl-artikoli 7(2) u 12(2) tal-Kodiċi Kriminali, liema piena tinsab fil-massimu tagħha. Issa l-appellant la ġie mixli bir-reċidiva fejn allura kien japplika fil-konfront tiegħu il-*proviso* għall-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali u lanqas bil-kontinwita' tar-reat skont l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Huwa ġie mixli *sic et simpliciter* bir-reat kontravvenzjonali maħsub fl-artikolu 338(z), kif *del resto* hemm indikat fiċ-ċitazzjoni. Illi dan magħdud, madanakollu jidher illi fil-mori tas-smigħ ta' dan l-appell, l-appellant ħallas lil martu l-manteniment dovut

marbut ma' din l-imputazzjoni u kwindi għandu ikun hemm varjazzjoni fil-piena sabiex jirrifletti dan il-fatt.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell *in parte*, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata b'dan illi tikkonfermaha fejn din sabet lill-appellant ħati tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu, iżda tvarja il-piena inflitta, u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni ma' jikkomettiex reat fi żmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk jikkometti reat ieħor matul dan il-perijodu ta' libertà kondizzjonata.

Edwina Grima

Imħallef